**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 377/09**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christian Callus**
**(ID 499783(M))**

**Illum, 21 ta' Ottubru 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Christian Callus, ta' 24 sena, imwieled il-Pieta` fit-28 ta' Settembru 1983, iben il-mejjet Carmelo u Sylvana nee` Incorvaja, residenti gewwa No. 43, Flat 4, Hospital Street, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 499783(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' April 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-lejl ta' bejn it-30 ta' April u l-1 ta' Mejju 2004, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga arrestaw lil certu Stephen Mifsud, gewwa Paceville, fl-istabbiliment li dak iz-zmien kien maghruf bhala Axis. Waqt tfittxija li saret fuq il-persuna tal-istess Mifsud, instabitlu pillola suspettata *ecstasy* fil-*jeans* u waqt *strip search*, fil-qalziet ta' taht tieghu, instabu tnejn u tletin pillola ohra, wkoll suspettati *ecstasy*. Jirrizulta wkoll illi waqt dan kollu, Mifsud qal lill-pulizija li fil-vettura tieghu kellu xi bott bil-pilloli. Dan il-bott ma nstabx fil-vettura, izda sussegwentement, gie mghoddi bott lill-pulizija mill-gharus ta' oht Mifsud.[1]

Dwar dan il-kaz, saret inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti, Dr. Michael Mallia.[2] L-Ispizjar Mario Mifsud, mahtur fil-mori ta' din l-inkjesta, ipprezenta r-relazzjoni tieghu fir-rigward tal-imsemmija pilloli u xehed ben tliet darbiet f'dawn il-

[1] Ara x-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia (a fol. 46 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 213 Nikolai Borg (a fol. 49 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PS 114 Massimo Persiano (a fol. 62 *et seq* u a fol. 70 *et seq* tal-process), kif ukoll l-istqarrija guramentata tal-istess Stephen Mifsud (ara l-process verbal esebit a fol 54 tal-process).
[2] Vera kopja tal-process verbal ta' din l-inkjesta tinsab esebita a fol. 54 tal-process.

proceduri.[3] Mir-relazzjoni tal-istess espert, jirrizulta illi l-istess espert inghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu:

1. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm bicca kartuna bil-kliem "Data 1-5-04, Hin 2.51 hrs; Elevat/i mil qalziet ta' taht, fil-prezenza ta' Stephen Mifsud, minn PS 114, PC 213". F'din il-borza kien hemm kontenitur tal-plastik trasparenti li fih kien hemm tnejn u tletin pillola bajda, *bevelled*, u fuqhom kien hemm is-simbolu tal-*mitsubishi*;

2. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 1-5-04, Hin 2.35, Elevat/i minn mil-but tal-jeans, fil-prezenza ta' Stephen Mifsud, minn PS 114, PC 213". F'din il-borza kien hemm pillola wahda bajda, *bevelled*, u li fuqha kien hemm is-simbolu tal-*mitsubishi*;

3. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 1/5/04, Hin 8 pm, Elevat/i minn *handed over by* Rennie Caruana, fil-prezenza ta' Rennie Caruana (Bott *with 55 tablets*), minn PC 1213). F'din il-borza kien hemm kontenitur tal-plastik trasparenti b'tapp ta' lewn ahmar li go fih kien hemm hamsa u hamsin pillola, *bevelled*, u li fuqhom kien hemm is-simbolu tal-*mitsubishi*. Ma' dawn kien hemm ukoll frak ta' pilloli.

L-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda illi fit-tmienja u tmenin pillola fuq indikati, instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA*). Is-sustanza *MDMA* (*Ecstasy*), hija *central stimulant* u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi Stephen Mifsud irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar it-2 ta' Mejju 2004, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 2004.[4] Fl-istqarrija tieghu, dwar il-pilloli misjuba fil-pussess tieghu ossia tlieta u tletin pillola b'kollox (wahda li nstabet fil-*jeans* u tnejn u tletin li nstabu fil-qalziet ta' taht tieghu) l-istess Stephen Mifsud jghid illi nhar il-Gimgha stess (jigifieri fit-30 ta' April 2004) huwa kien talab lil certu Rudy sabiex

---

[3] Fir-rigward tan-nomina tal-Ispizjar Mario Mifsud, ghalkemm fil-kontro-ezami tieghu waqt ix-xhieda moghtija minnu fit-30 ta' Mejju 2012 (a fol. 55 *et seq* tal-process), fuq domandi tad-difiza, l-istess espert jghid illi mid-digriet tal-Magistrat Inkwirenti ma kienx jirrizulta l-inkarigu specifiku li kien gie moghti lilu, jirrizulta car mid-digriet tal-Magistrat Inkwirenti datat l-1 ta' Mejju 2004, fl-atti tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz, illi l-Ispizjar Mario Mifsud kien gie mahtur bhala <u>espert forensiku</u> sabiex jirrelata dwar il-kaz, inkluz is-smiegh tax-xhieda bil-gurament (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-fatt fix-xhieda tieghu, l-Ispizjar Mifsud ma kienx qed jirreferi ghal dan id-digriet meta qal illi l-inkarigu tieghu ma kienx gie specifika, izda rrefera ghall-ewwel pagna tal-process verbal, fejn il-Magistrat Inkwirenti kien qieghed sempliciment jirreferi ghall-esperti li kienu gew mahtura minnu.

[4] Din tinsab esebita fl-atti tal-process verbal fuq imsemmi.

jixtri mitt *ecstasy*. Da parti tieghu, Rudy qallu li seta' jaqdieh, ftiehmu sabiex jiltaqghu l-Hamrun u ltaqghu hdejn il-gabbana, fejn Mifsud ghadda l-flus lil dan Rudy. Mifsud jghid illi dak il-hin, Rudy qallu li kien ser imur wiehed mieghu, maghruf bhala l-'Gamillo', fil-waqt illi indikalu persuna li kienet gewwa l-vettura tieghu (ta' Rudy). Rudy dahal fil-vettura tieghu, il-Gamillo rikeb fil-vettura ta' Mifsud u dan qallu biex isuq lejn Hal Qormi, hdejn il-*flats* li huwa kien indika lill-pulizija fil-jum ta' qabel. Jghid li x'hin ipparkjaw fejn indikalu l-Gamillo gewwa Hal Qormi (l-isfel mill-knisja) dan tal-ahhar nizel mill-vettura u gie lura xi ghaxar minuti jew kwarta wara, rikeb fil-vettura u tah l-*ecstasy* f'borza tal-plastik maghluqa b'ghoqda. Gamillo talab lil Mifsud sabiex iwasslu x-xatt tal-Belt u hekk ghamel, sakemm telqu hdejn blokka *flats*. Minn hemm huwa mar iz-Zejtun u qieghed l-*ecstasy* fil-bottijiet. Jghid ukoll illi kienet biss f'din l-okkazzjoni li huwa xtara l-*ecstasy* minghand dawn il-persuni u ddeskriva lil Gamillo bhala twil daqsu, ismar, xaghru sewda u rqiq hafna. Ta deskrizzjoni wkoll tal-ilbies tieghu dakinhar. Gamillo ma tahx in-numru tal-*mobile* tieghu. Jghid ukoll fir-rigward tal-hamsa u hamsin pillola li ngabru mid-dar tieghu, illi originarjament dawn kien hallihom fil-vettura tieghu li kienet qeghda Paceville. Huh nizzel il-vettura d-dar u l-gharus ta' ohtu, certu Rene Caruana, sab il-bott bil-pilloli u hbieh, izda wara tah lill-pulizija.

Kif inghad Stephen Mifsud ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Mejju 2004, fejn zied illi din kienet l-ewwel darba li huwa kien iltaqa' ma' dan Gamillo u li ma kienx jafu qabel.

Stephen Mifsud xehed ukoll f'dawn il-proceduri.[5] Huwa jikkonferma li fl-1 ta' Mejju, huwa kien gie arrestat mill-pulizija u li kien skonta sentenza ta' prigunerija in konnessjoni ma' pilloli *ecstasy* – xi hamsin u jista' jkun xi haga izjed. Jghid illi dawn il-pilloli kien xtrahom minghand Rudy Vella, li kien iltaqa' mieghu l-Hamrun, kien hallsu u li dakinhar iltaqa' mal-Camillu. Din kienet l-unika darba li kien iltaqa' ma' dan tal-ahhar. Jghid illi x'hin kienu l-Hamrun, Rudy telaq u huwa mar mal-Camillu gewwa Hal-Qormi bil-vettura tieghu stess (tax-xhud). Jghid illi lil dan Camillu ma kienx qieghed jarah fl-awla, kellu xi 21 sena, kien qasir, ismar u rqiq. Jghid ukoll illi marru hdejn il-Knisja, li ma jiftakarx liema kienet, izda ma' genbha kien hemm hafna garaxxijiet. Jghid illi ma jiftakarx minn fejn ghaddew biex waslu Hal Qormi u ma kienx jaf fejn hi l-knisja ta' San Bastjan. Lanqas ma ftakar li lill-pulizija kien uriehom xi appartamenti u meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien wera lill-pulizija l-appartamenti tal-Gvern hdejn il-knisja ta' San Bastjan, huwa qal li ma jafx u li nesa. Jghid illi lill-imputat ma jafux u qatt ma ltaqa' mieghu. Jghid ukoll illi lill-imputat qatt ma kellmu u lanqas ma kellmu xi

[5] A fol. 36 *et seq* tal-process.

hadd mill-familjari tieghu.  F'dan il-punt, il-Qorti gibdet l-attenzjoni ta' Mifsud ghax-xhieda ta' ommu, Catherine Mifsud, fis-seduta precedenti, li qalet illi l-imputat kien kellem lil Mifsud u lil ommu gewwa l-bini tal-Qorti u dan billi qalilhom illi l-kawza kienet giet differita.  F'dan ir-rigward meta mistoqsi mill-Qorti min kien qed jixhed il-falz ossia jekk hux hu jew ommu, Mifsud wiegeb illi kien ha zball u li l-imputat kien qalilhom biss illi l-kawza kienet giet differita. Hawnhekk id-deposizzjoni giet sospiza, izda Mifsud ma regax ittella' mill-Prosekuzzjoni sabiex ikompli jixhed.

Catherine Mifsud, omm Stephen Mifsud, xehdet illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2011, hija kienet telghet il-Qorti u rat lill-imputat meta binha ma kienx qieghed maghha.  Tghid illi hija ndunat li kien l-imputat ghaliex kien qieghed fin-nofs, fl-awla.  Fis-seduta precedenti, imbaghad, ossia dik tat-12 ta' Lulju 2011, meta hija indikat lil binha min kien l-imputat odjern, huwa wegibha li ma kienx jafu.  Tghid illi ma tkellmux mal-imputat, hlief li dan qalilhom li kemm il-darba kienu qeghdin hemmhekk ghall-Magistrat Marse-Ann, il-kawza kienet giet differita.  Tghid illi binha kien gie mharrek ghas-seduta tal-14 ta' Marzu 2011, izda ma kienx tela' minhabba x-xoghol u li minflok kienet telghet hi u kien ghalhekk li rat lill-imputat. Tghid illi dakinhar kienet qalet lil Dr. Jose` Herrera li t-tifel taghha kien xhud u li s-soltu kien jitla' f'kawza kontra Rudy.  Tghid fejn kien qieghed fl-awla Dr. Herrera u li ma kinux fl-awla li kienu qeghdin fiha dakinhar.  Tghid illi meta ma telax it-tifel taghha – darbtejn – telghet hi.  Tghid ukoll illi tkellmet ma' Dr. Herrera biss f'dak is-sens gewwa l-Qorti, izda ghalkemm il-Qorti gibditilha l-attenzjoni li ma kinitix qeghda temminha, ix-xhud insistiet li dahlet fl-awla u li kien hemm ukoll l-Ispettur u qalet li qatt ma kienu ltaqghu ma' hadd dwar dan il-kaz.[6]

Fix-xhieda tieghu, is-Supretendent Norbert Ciappara jghid illi wara li kien gie investigat Stephen Mifsud, kien gie investigat ukoll Rudy Vella li, da parti tieghu, kien cahad u nnega l-allegazzjoni ta' Mifsud fil-konfront tieghu.  Rudy Vella kien ghaddej minn proceduri kriminali in konnessjoni ma' dan il-kaz.  Ix-xhud jghid ukoll illi huwa tkellem mal-imputat odjern fil-11 ta' Gunju 2007 u li ma nstabx fil-pussess ta' xi sustanzi illegali.  Lanqas ma rrizultalu xejn in konnessjoni mal-imputat fl-akkwati li jsemmi Stephen Mifsud bhala l-akkwati fejn marru huwa u l-Gamillu, ghalkemm gieli ghamel investigazzjonijiet hemmhekk.  Skont ix-xhud, kienet biss ix-xhieda ta' Mifsud li kienet torbot lill-imputat mal-bejgh tad-droga lill-istess Mifsud.[7]

---

[6] A fol. 26 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 12 *et seq* tal-process.

L-imputat odjern irrilaxxja stqarrija fil-11 ta' Gunju 2007 u dan wara li kien inghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem, sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda dak li jghid jista' jingieb bi prova.[8]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-istqarrija tal-imputat inghatat minnu fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx tipprovdi ghad-dritt ta' persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel tirrilaxxja stqarrija. Dan il-jedd ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

[8] Din tinsab esebita a fol. 20 *et seq* tal-process.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[9] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-*

[9] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.

*decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[10] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta, qablet pjenament mas-sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

Fil-kaz odjern, ghalhekk, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu, il-Qorti mhijiex qed tqis tali stqarrija bhala prova ammissibbli u qeghda ghalhekk tiskartaha.

Stabbilit dan il-punt, kif jirrizulta mill-atti, l-unika prova li ngabet kontra l-imputat fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet odjerni hija x-xhieda ta' Stephen Mifsud. Altrimenti, kif xehed is-Supretendent Norbert Ciappara, tfittxija li saret fil-konfront tal-imputat izjed minn tliet snin wara l-arrest ta' Mifsud, irrizultat fin-

[10] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

negattiv. In oltre Rudy Vella li allegatament, skont Mifsud, ukoll kien involut fil-bejgh tal-*ecstasy* lilu fit-30 ta' April 2004, ma ttellax jixhed f'dawn il-proceduri.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, Mifsud ma gharafx lill-imputat odjern bhala l-'Camillu' ossia l-persuna li kienet ghaddietlu l-pilloli *ecstasy* li kienu nstabu fil-pussess tieghu meta gie arrestat u pprovda biss deskrizzjoni generali ta' din il-persuna bhala guvni ta' 21 sena, qasir, ismar u rqiq. Anzi huwa qal illi lill-imputat ma kienx jafu u qatt ma ltaqa' mieghu. Veru illi mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-istess Mifsud, jirrizulta illi l-Qorti, kif diversament preseduta, gibditlu l-attenzjoni li kien xehed il-falz fir-rigward ta' dik il-parti tax-xhieda tieghu fejn qal illi la hu u lanqas hadd mill-familjari tieghu ma kienu tkellmu mal-imputat, la darba huwa kkonferma dak li kienet xehdet ommu, Catherine Mifsud, fis-sens illi l-istess imputat kien kellimhom sabiex jghidilhom illi l-kawza kienet giet differita. Veru wkoll illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Pierre Gravina</u>**, inghad hekk fir-rigward ta' dikjarazzjoni guramentata ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*... meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud.*"

Madankollu, f'dan il-kaz, fl-istqarrija li huwa gguramenta quddiem il-Magistrat Inkwirenti, l-istess Mifsud, fl-ebda hin ma semma' lill-persuna li ghaddietlu l-pilloli *ecstasy* b'ismu, izda semmieh biss bil-laqam tieghu ta' 'Gamillo', ghaliex dan kien il-mod kif gie introdott lilu, apparti li anke hemmhekk provda deskrizzjoni generali tieghu bhala wiehed twil daqsu, ismar, xaghru sewda u rqiq hafna. In oltre f'dak l-istadju, Mifsud lanqas ma gie muri xi ritratti sabiex jidentifika lill-persuna li kienet fornietu bid-droga. Ghalhekk fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, Mifsud lanqas ma identifika specifikatament lill-imputat odjern bhala l-fornitur tieghu. Isegwi illi anke jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, il-Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni illi d-deposizzjoni ta' Mifsud f'dawn il-proceduri ma kinitx veritiera, xorta wahda ma tistax tistrieh fuq id-dikjarazzjoni guramentata tieghu sabiex tasal ghall-konkluzjoni illi l-imputat odjern kien

effettivament il-persuna li fornietu bil-pilloli *ecstasy* fil-jum in kwistjoni. Huwa evidenti illi d-deskrizzjoni generali li pprovda Mifsud ma tikkostitwixxix identifikazzjoni cara tal-imputat odjern. In oltre il-Qorti tqis ukoll illi d-dikjarazzjoni ta' PS 1086 Johann Micallef, fix-xhieda tieghu,[11] fis-sens illi l-pulizija kienet taf lil 'Camillu' bhala l-imputat odjern, ma tistax tinghata piz fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova ohra f'dan ir-rigward u fin-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-imputat da parti tax-xhud Mifsud.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi fil-grad rikjest mil-ligi, li jorbtu lill-imputat mal-bejgh tal-pilloli *ecstasy* lil Mifsud, il-Qorti ma tistax issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet odjerni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[11] A fol. 59 *et seq* tal-process.